FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 2 TA' FRAR 2001

Rikors Nru 27/99DM

Elmo Insurance Services Limited in rappresentanza tas-socjeta estera Sun Alliance&London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Christine Falzon u l-istess Christine Falzon u b'nota tal-14 ta' Frar 2000 Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta estera Royal and Sun Alliance Insurance plc cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta estera Sun Alliance & London Insurance plc surrogata fid-drittijiet bl-assikurat taghha Christine Falzon qed tassumi l-atti minflok is-Socjeta Elmo Insurance Services Limited

vs

Joseph Bartolo

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghal kundanna tal-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tlett mija tmienja u sebghin lira sitta u sittin centezmu (Lm378.66c) in kwantu lis-socjeta attrici Elmo Insurance Services Limited noe u in kwantu ghal mija u hamsin lira (Lm150) lill -attrici Christine Falzon, in linea ta' danni mill-konvenut kagunati u sborsati- in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Sliema fl-10 ta' Marzu 1998 meta waqt li l-konvenut kien qed issuq motorcycle Nru GVP 265 habat mal-vetttura Nru IAU 837 propjeta tal-attrici Christine Falzon u misjuqa mill-attrici- prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba inprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat 13 ta' Ottubru 1998 u bl-imghax legali mit-13 ta' Ottubru 1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Bartolo fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-atturi stante li l-konvenut bl-ebda mod mhu responsabbli ghall-incident stradali li gara fl-10 ta' Marzu 1998 f'tas-Sliema.

2. Illi l-konvenut lanqas mhu responsabbli ta' imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tat 12 ta' Jannar 2000 fejn il-konvenut iddikjara li qed jikkontesta biss ir-responsabilta u mhux il-quantum tad-danni.

Semghet ix-xhiedha prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Rat id-dokuemnti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process ; u

Ikkunsidrat:

Illi minhabba il-fatt li kien il-konvenut li kien gej minn wara il-vettura ta’ l-attrici Christine Falzon u kien hu li kien qieghed jissorpassa t-traffiku quddiemu u ghalhekk kellhu iktar opportunita’ u facilita’ biex jesplora dak li kien quddiemu, huwa l-konvenut li ghandhu iktar piz fuqghu li jipprova it-tort tal-istess attrici.

Ghalkemm il-manuvra li ghamel il-konvenut hija wahda permessa mir-regolamenti tat-traffiku, il-manuvra ta sorpass tpoggi fuq min jghamilha grad ikbar ta prekawzjoni billi jkun ser b'xi mod jaffetwa lit-traffiku li jkun quddiemu u dak gej mid-direzzjoni opposta, anke minhabba li l-mutur minn misjuqa stante id-dimensjonijiet zghar mhux facilment innotat daqs karozza.

Ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut li jipprova li huwa ha l-prekawzjonijiet kollha biex ma jfixkelx it-traffiku l-iehor fit-triq u li ghalhekk kienet l-attrici Christine Falzon li ssorprendiet lilhu billi naqset li tghamel dak kollhu rikjest minnha biex tezegwixxi b'success il-manuvra intiza li ddur fuq il-lemin.

Izda mid-deposizzjoni tal-istess attrici, ikkorroborata mix-xhud indipendenti, Anna Schembri, u mill-posizzjoni tal-vetturi wara l-habta, jirrizulta li din ghamlet dak kollhu minnha rikjest biex tindika l-manuvra intiza lit-traffiku vicin u li hadet il-prekawzjonijiet kollha biex ma tostakolax lill-min kien seta jiddecidi li jissorpassaha.

Infatti din kienet qed issuq iktar vicin lejn in-nofs tat-triq mit-traffiku l-iehor li kien qed isegwiha, kienet qed isuq bil-mod u kellha l-'indicators' tal-lemin mixghulin u kienet ikkonstatat li ma kienx hemm traffiku qed jissorrpassaha meta bdiet il-manuvra.

Ghalhekk jirrizulta li kien il-konvenut li fil-fatt ssorprenda lill-attrici billi f'daqqa wahda hareg mil-linja tat-traffiku fuq il-mutur u ma nnotax l-indikazzjonijiet kollha li kienet qed tipprovdi l-vettura tal-attrici dwar il-manuvra intiza.

Ghaldaqstant, ghalkemm il-Qorti tissimpatizza mieghu minhabba l-urgenza imposta fuqghu bid-doveri tieghu in konnessjoni mal-kontroll tat-traffiku, issib lill-konvenut unikament risponsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni rizultanti li ma humiex ikkontestati.

Ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tlett mija tmienja u sebghin lira sitta u sittin centezmu (Lm378.66c) in kwantu ghal LM228.66 lis-socjeta attrici Elmo Insurance Services Limited noe u in kwantu ghal mija u hamsin lira (Lm150) lill -attrici Christine Falzon, in linea ta' danni in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Sliema fl-10 ta' Marzu 1998 meta waqt li l-konvenut kien qed issuq motorcycle Nru GVP 265 habat mal-vetttura Nru IAU 837 propjeta tal-attrici Christine Falzon u misjuqa mill-attrici minhabba inprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti; oltre l-imghax legali b'effett mit-13 ta Ottubru 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Magistrat Dr D Montebello BALLD